**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 504/19 AL

**A B C**

Vs

**D C u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2020**

**kunjom l-intimata ġie korrett ghal "E"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (12.05.2012) (Dok AFC 1);
2. Illi qabel iż-żwieġ twieldet il-minuri F fil-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (25.08.2010) biex b'hekk llum il-ġurnata għandha disa' snin;
3. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

i. Illi l-partijiet ilhom snin jgħixu separatament, u għalhekk de facto separati, sa' mill-ħdax ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (11.09.2015), filwaqt li ilhom legalment separati sa' mill-ħmistax ta' Jannar 2016 (15.01.2016) in forza ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Sean Critien (ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok. AFC 2);
ii. Illi ma genn k-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partjiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;
iii. Illi l-obbligu assunt mir-rikorrent fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Jannar 2016 għall-ħlas ta' manteniment għal binthom minuri F dejjem ġie rispettat u mwettaq b'mod regolari;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. AFC 3'.
5. Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f' Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f' Malta;

Talab lill-intimata, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fit-12 ta' Mejju 2012;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet :-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-esponenti m'għadhiex D C iżda hi D E u dan *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet (ara Dok. AFC2 anness mar-rikors promotur) u konsegwentement hemm lok li jkun hemm tibdil fl-okkju sabiex dan ikun jirrispekkja l-vera identita` tal-esponenti;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti tiddikjara li dak ċitat fir-rikors promotur huwa minnu :-

Illi sal-ġurnata odjerna, l-manteniment għall-minuri dejjem tħallas mir-rikorrent u għalhekk m'hemm ebda pendenza bejniethom dwar dan;

Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom separati *de facto* għal aktar minn 4 snin b'dan li ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-15 ta' Jannar 2016;

Illi l-esponenti tiddikjara li m'hemm l-ebda possibilita` ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi għal kull buon fini tiddikjara wkoll li m'għandha ebda oġġezzjoni għat-talba ta' divorzju hekk kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata illi ġiet ikkonfermata bil-ġurament taghha;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati mill-11 ta' Settembru, 2015 u legalment separati mill-15 ta' Jannar, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.